**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum, 30 ta' Settembru 2024**

**Rik. Gur. Nru.: 396/2024JPG**
**Kawza Nru.: 20**

**RV**
**U**
**AVB**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 2 t'Awwissu 2024, a fol 1 et seq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet iżżewwġu nhar it-30 ta' Lulju tas-sena 1994 u ż-żwieġ tagħhom jinsab reġistrat mar-Reġistru Pubbliku ta' Malta, liema ċertifikat taż-żwieġ jinsab hawn anness u mmarkat bħala DOK 'A';*

2. *Illi minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal; MV, li twieldet nhar X, liema ċertifikat tat-twelid jinsab anness u mmarkat bħala DOK 'B', u AV li twieled nhar Y, liema ċertifikat tat-twelid jinsab anness u mmarkat bħala DOK 'Ċ', u b'hekk iż-żewġt ulied illum huma maġġorenni;*

3. *Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin għal aktar minn sentejn. Di fatti huma ħadu s-separazzjoni personali b'kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dr. Andrea Micallef datat nhar l-4 ta' Lulju tas-sena 2022, liema kuntratt jinsab hawn anness u mmarkat bħala DOK 'D';*

4. *Illi l-partijiet ilhom separati de facto għal aktar minn sentejn;*

5. *Illi m'hemm l-ebda prospett raġjonevoli, jew remot, għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom aktar minn sentejn ma jgħixu flimkien, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;*

6. *Illi l-partijiet reċiprokament irrinunzjaw għall-ħlas ta' manteniment mingħand xulxin u għalhekk il-partijiet m'għandhom l-ebda pretensjoni fil-konfront ta' xulxin, inkluż l-ebda ħlas ta' manteniment;*

7. *Illi l-uniku manteniment illi huwa dovut, huwa mill-esponenti Raymond Vella għat-tifel tal-partijiet, AV, liema manteniment dejjem ġie mħallas skont il-liġi u ma hemm l-ebda ħlasijiet pendenti;*

8. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

9. *Illi l-esponenti jixtiequ li jiġi pronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet;*

***Għaldaqstant**, u in vista tas-suespost, din l-Onorabbli Qorti qed tiġi umilment mitluba sabiex:*

1. ***Tiddikjara** li ż-żwieġ bejn il-partijiet huwa maħlul u sussegwentament tippronunzja li l-partijiet huma divorzjati għall-effetti kollha tal-liġi;*

2. ***Tordna** lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju*

*tal-partijiet sabiex l-istess jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku, kif ukoll li jagħmel id-debita korrezzjoni fiċ-ċertifikat taż-żwieġ.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, id-dokumenti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti, gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**RV xehed (vide affidavit fol 23 )** u kkonferma illi il-partijiet izzewgu nhar it-30 ta' Lulju 1994 li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, illum kollha maggjorenni. Iddikjara illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 4 ta' Lulju 2022 fl-atti tan-Nutar Dr Andrea Micallef. Di piu', jikkonferma illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**AVB xehdet (vide affidavit fol 25 )** u kkonfermat u kkorroborat dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***(… omissis)***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-30 ta' Lulju 1994 liema zwieg jgib certifikat numru 1342/1994 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 5). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, illum kollha maggjorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Andrea Micallef nhar l-4 ta' Lulju 2022 (Vide fol 8 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1342/1994 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**